MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 416/2003

**Avantgarde Tile and Stone Limited u b'digriet tat-12 ta'Jannar 2006 isem is-socjeta attrici gie mibdul ghal Avantgarde Holdings Limited**

**Vs**

**Ignatius u Stephanie konjugi Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm1638.83 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' (a) materjal u oggetti mibjugha mis-socjeta attrici lilhom kif ukoll (b) ta' servizzi rezi mis-socjeta attrici lilhom fuq ordni u inkarigu tal-konvenut., kollox bl-imghax u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-proceduri odjerni, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 25 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi subordinatament bla pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz il-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet hawn fuq imsemmi moghti fit-12 ta' Jannar 2006 (fol 48 tal-istess atti).

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Frar 2006 (fol 52 et seq ibid) u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mill-konvenuti u l-istess Qorti kienet ordnat illi l-konvenuti jispjegaw ghaliex huma "….. ma ghandhomx jaghtu xejn lis-socjeta attrici" u dan fiz-zmien specifikat fl-istess sentenza preliminari (ara fol 54 ibid)

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, deciza l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuti, kif hawn fuq spjegat, fil-<u>mertu</u>, l-konvenuti naqsu milli jispjegaw it-tieni (2) eccezzjoni sottomessa minnhom kif risultanti a fol 25 tal-atti u kif ordnat fis-sentenza preliminari msemmija (fol 54 ibid).

Illi, da parti tas-socjeta attrici, gie prodott <u>Joseph Vella</u> (fol 36 et seq ibid) li esebixxa diversi dokumenti (fol 38 sa fol 43) u mill-istess dokumenti jidher li l-ammont pretiz fl-avviz hu dovut mill-konvenuti, tenut kont ukoll li l-konvenuti naqsu milli jressqu xi prova in sostenn ta' dak sottomess minnhom, <u>b'mod vag</u>, fis-sens li huma "ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici".

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1638.83 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta' Jannar 2001 (ara fol 41 ibid) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------